*Intervista mal-Ewwel Segretarju tal-Banda San Girgor*

# FRANS MIZZI



*Ġej minn familja ta' 8 ulied, bin Luċija u Karmnu Mizzi li serva bħala sagristan tal-Knisja Ta' Kerċem għal diversi snin, miżżewweġ lil Theresa née Spiteri u missier Mark. Wieħed mill-membri fundaturi tal-Għaqda Mużikali San Girgor sittax-il sena ilu u l-ewwel segretarju tal-istess Għaqda. Goalkeeper tal-Kerċem Ajax F.C. meta rebħu l-Kampjonat tal-għola diviżjoni t'Għawdex fl-istaġun 1985/86 u ta' diversi klabbs oħra kif ukoll kien għażla awtomatika mat-tim nazzjonali Għawdxi. Membru tal-Kerċem Drama Circle fid-disgħinijiet, fi tfulitu abbati u membru fil-Leġjun ta' Marija. Kien ukoll kunsillier elett fl-ewwel Kunsill Lokali ta' Kerċem. Dan u ħafna aktar se nitkellem dwaru ma' Frans Mizzi – l-ewwel Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Girgor.*

**Frans għidilna xi ħaġa dwar il-memorja tat-tfulija tiegħek fir-raħal Ta' Kerċem.**

Fi tfuliti ma tantx kellna biex nitħajmu iżda konna kuntenti u ferħana. Fit-toroq ftit kien hemm traffiku u għalhekk konna nilgħabu l-ballun kemm irridu. Dan kien iġib il-konsegwenzi wkoll għax mhux l-ewwel darba li kissirna xi ħġieġa jew ilqatna lil xi ħadd li jkun għaddej għal xogħlu. Aħna konna noqogħdu fi Triq Xuxa u billi din tiġi qrib il-wied sabiħ tal-Lunzjata jien u sħabi ta' dawk l-inħawi konna nqattgħu ħafna ħin hemm. Niftakar għall-festa tal-Lunzjata konna nippreparaw minn kmieni biex ikollna ħuġġieġa kbira u fjakkoli ma' kullimkien. Kont ukoll abbati bħall-biċċa l-kbira tat-tfal ta' dak iż-żmien. Il-Kappillan kien Dun M'Anġ Grima li tgħidx kemm konna nibżgħu minnu. Kemm domt abbati xogħli l-aktar kien fuq l-orgni nkanta ma' xi erba' abbatini oħra. Dak iż-żmien il-quddies kien ikun filgħodu kmieni u dejjem b'xi anniversarju tal-mejtin u dawn kollha kienu jsiru bil-kant. Fix-xitwa kont insibha bi tqila biex immur hekk kmieni. Kull nhar ta' Sibt, l-abbatini konna nitqassmu tnejn tnejn u konna noħorġu niġbru l-bajda għall-knisja, kulħadd fil-parti tiegħu tar-raħal. Niftakar ukoll li kont għamilt il-prietka tal-Milied kemm fil-knisja Ta' Kerċem u wkoll f'dik ta' Santa Luċija. Għal qalbi kienet ukoll dik il-purċissjoni ta' San Girgor li kienet issir filgħodu mill-Katidral għall-knisja ta' Kerċem. Il-vaganzi tas-sajf fi tfuliti kont ngħaddihom ix-Xlendi mal-familja fejn konna mmorru noqogħdu wara li tgħaddi l-festa tas-Sokkors. Kienet twaqqfet ukoll il-Leġjun ta' Marija għat-tfal u jien kont dħalt membru. Mons Ġużeppi Grech darba ħadna ġurnata l-Għadira, Malta, f'post li kellhom tal-Leġjun u tgħidx kemm konna ħadna pjaċir. Id-dar kelli wkoll knisja armata b'kollox u konna nagħmlu festa kbira. Il-mistieden prinċipali biex imexxi l-festa kien ikun Gregory Grech, illum Mons. Girgor Grech.

**Il-fatt li missierek kien Sagristan, wasslek biex tħobb iżjed il-Knisja ta' raħal twelidek u l-festi tagħha?**

Jien lil missieri dejjem nafu dilettant kbir ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-knejjes. Kien jirrakkontali kemm kien jgħin fil-knisja ta' Sannat sa minn meta kien daqsxejn ta' tifel u wara kompla f'dik tal-Munxar li hu kien iħobb



ħafna. Tinsiex li missieri twieled u għex sa kemm iżżewweġ fil-Munxar u dakinhar il-parroċċa kienet Ta' Sannat. Barra dan kien jgħin ħafna liz-ziju Dun Anton Grima fil-knisja ta' Santa Luċija. Kien għamlilna wkoll knisja d-dar. Għalhekk meta titla' f'dan l-ambjent ma tistax ma ssirx tħobb il-knisja u dak kollu li għandu x'jaqsam magħha, bħal ċerimonji, tiżjin, festi u reliġjon. Il-festi tar-raħal, għax aħna għandna tnejn, twelidt fihom u għalhekk bilfors li tkun miġbud lejhom. Dik ta' San Girgor dari kienet speċjali, mhux għalina l-Kerċmin biss, iżda għal Għawdex kollu. Filgħodu kienet issir dik il-famuża purċissjoni bħala wegħda tal-ħelsien mill-pesta, kif tidher fit-titular tal-knisja tar-raħal. Kienu jattendu għaliha mijiet ta' nies minn Għawdex kollu għalkemm kienet tkun ġurnata tax-xogħol. Aktarx li fil-knisja l-inkwatri kienu jkunu mgħottija billi San Girgor kien jiġi fir-Randan. Kont naraha stramba l-knisja kollha mżejna mbagħad l-inkwatri mgħottija. Illum il-festa ta' San Girgor għandha karattru ieħor waqt li tas-Sokkors hi l-festa prinċipali dwar dak li għandu x'jaqsam mal-festi ta' barra, għax fuq ġewwa l-knisja tintrama prima klassi għaż-żewġ festi. Dwar il-festa tas-Sokkors niftakar kont nieħu gost ħafna l-għada tal-festa fit-tard filgħaxija meta konna nieħdu lura lejn darha l-istatwa tas-Sokkors ta' barra. Kienu jattendu ħafna nies u f'parti ta' Triq Għajn Tuta, fejn fuq in-naħa l-oħra tidher parti mill-Fontana, konna nieqfu u jsir storbju sħiħ ta' kant, għajat u wkoll kienu jinħarqu xi murtali. Dan kien isir għax fuq ix-xaqliba tal-Fontana kienu jaħarqu ħuġġieġa biex jinkuna billi dak iż-żmien kien hemm pika kbira bejn iż-żewġt irħula. Illum din il-pika spiċċat u lanqas naf ir-raġuni għaliex kien hemm dik il-pika kollha dak iż-żmien. Il-festa tas-Sokkors minn tfuliti sal-lum inbidlet ħafna l-aktar fejn tidħol il-festa ta' barra. Naturalment dejjem għall-aħjar għax l-iżvilupp dak li jġib. Il-Banda San Girgor u l-Għaqda taż-żgħażagħ taw spinta kbira lill-festi li jsiru f'Ta' Kerċem.

**Kif tiddeskrivi l-ħajja soċjali fir-raħal tagħna f'żgħożitek?**
Meta kont tfal ma kellniex televixin. Kellna r-Rediffusion u konna filgħaxija ninġabru madwaru nisimgħu xi teledramm. Fix-xitwa r-raħal kien jorqod kmieni għax barra t-toroq kienu mudlama u l-biċċa l-kbira tat-torba. Din it-torba kienet iġġib ħafna mard speċjalment fl-għajnejn. Fis-sajf in-nies kienu joħorġu barra ħdejn il-bieb tagħhom u joqogħdu sa tard billejl ipaċpċu jew jgħidu r-rużarju. Aħna t-tfal konna noqogħdu nilagħbu u nimbxu lil xulxin. Darba fix-xahar kien jiġi wieħed mir-Rabat u jurina *film* fi Triq San Girgor. Dan kien imqabbad mill-*Information Office* u tista' taħseb kemm konna ninġabru għal qalbna bilqiegħda fl-art biex naraw dan il-film. L-għors tagħna kien ikun meta waqt il-film jiġi xi ħadd b'merħla mogħoż biex jgħaddi mit-triq u warajh iħalli t-triq maħmuġa u aħna kien ikollna nibqgħu bilwieqfa. Tfuliti kienet l-aktar iddur bejn knisja, fejn kont abbati u skola għax ommi kienet fuqi u fuq ħuti b'seba' għajnejn biex nistudjaw. Naturalment ma kienx jonqos il-logħob tal-ballun u xi avventura, ta' tfal li konna, l-aktar fil-Wied tal-Lunzjata. Wara l-iskola primarja f'Kerċem, kont komplejt fil-Liċeo ir-Rabat. Din il-qabża ġġib bidla fik għax issa sħabek huma minn Għawdex kollu u l-livell tal-iskola hu differenti. Għalhekk bdejt aktar nimmatura fil-ħsieb u r-raħal ma baqax biżżejjed għalija u sħabi li kienu ta' l-età tiegħi. Dak iż-żmien ukoll wasal fostna t-televixin u dan kompla biddel il-ħajja ġewwa r-raħal. Ħanut fi Triq San Girgor kien ġab televixin u l-irġiel bdew joħorġu biex jaraw l-aħbarijiet u xi varjetà li kien ikun hemm fuq l-istazzjon Taljan. Il-biċċa l-kbira tat-toroq tar-raħal kienu ġew mixgħula bid-dawl elettriku u Kerċem ma baqax jorqod daqshekk kmieni. Aħna ż-żgħażagħ ma kellniex karozzi iżda kellna r-roti li lilna kienu jaqduna sewwa. Kif għidt qabel, Kerċem issa donnu kien ġie żgħir għalina u aktar bdejna niffrekwentaw ir-Rabat fejn il-ħajja kienet aktar storbjuża u





divertenti. Ta' Kerċem kien beda jinbidel fejn tidħol il-ħajja ta' kuljum u n-nies bdiet aktar tinteressa ruħha f'dak li jkun qiegħed jiġri fir-raħal u barra minnu.

**Nafu li inti kont attiv ħafna fil-futbol. Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar l-involviment tiegħek mal-*Kerċem Ajax* F.C. u ma' klabbs oħra?**

Aħna, it-tfal ta' dak iż-żmien, konna dejjem fit-triq nilagħbu b'xi ballun. Ġie li l-ballun kien ikun magħmul minna minn biċċiet taċ-ċraret għax biex tixtri ballun ridt il-flus u dawn ma tantx kellna. Niftakar il-Ħadd filgħaxija għassa mas-sett tar-Rediffusion biex nisma' l-program tal-isports. Dak iż-żmien biex tkun taf riżultat ta' xi partiti f'Malta hekk kont trid tagħmel għax ma kienx hawn mezzi oħra. Missieri għamel xi żmien fil-kumitat tal-Kerċem Ajax u jien kont immur miegħu narahom jilagħbu. Meta mbagħad mort il-Liċeo stajt aktar nipprattika il-logħba tal-futbol bis-serjetà. F'dan iż-żmien ukoll *Kerċem Ajax* kienu ilhom ftit li żarmaw u niftakar is-Sur Joe Vella, li kien għalliem, kien tħajjar jerġa' jwaqqaf it-tim tal-*Ajax*. Konna bdejna nilagħbu xi *friendlies* biex nitħarrġu bl-iskop li l-istaġun ta' wara nilgħabu fit-tieni diviżjoni tal-futbol Għawdxi. Ġara li l-*Oratory Youths*, li kienu wieħed mit-tims ewlenin t'Għawdex, weġġgħalhom il-goalkeeper f'nofs l-istaġun u jien ta' sittax-il sena sibt ruħi nilgħab ma' dawn il-ġganti tal-futbol Għawdxi ta' dak iż-żmien. Wara dak l-istaġun kont mort mal-*minors* tal-*Victoria Hotspurs* u minn hemm tlajt imbagħad mat-tim tagħhom tal-kbar. Mal-*Hotspurs* irbaħt erba' darbiet il-league tal-għola diviżjoni u ħafna tazzi oħra. Kont ukoll għażla awtomatika mat-tim nazzjonali Għawdxi. Dak iż-żmien konna nilagħbu xi żewġ partiti fis-sena kontra l-aqwa timijiet ta' Malta. Morna wkoll il-Libja fejn lagħabna żewġ partiti fi Tripli u f'Misurata. F'Għawdex lgħabt ukoll staġun mas-*St. George's F.C.*, ieħor ma' Għajnsielem u żewġ staġuni mal-*Calypsians F.C.* Fl-aħħar staġuni kont irritornajt ma' *Kerċem Ajax*. Ma' dawn kelli l-unur li nifforma parti mit-tim li fl-istaġun 1985/86 ħadna l-uniku kampjonat tal-ewwel diviżjoni li qatt rebaħ it-tim tal-Ajax. Għamilt ukoll żmien nittrenja mal-*Floriana* iżda billi kont nara ħafna klikek fost il-plejers ma rreġistrajtx magħhom u mort ma' *Luqa St. Andrews*. Magħhom domt nilgħab tmien snin u kienu veru jistmawni. Dak iż-żmien kont tista' tilgħab kemm Għawdex kif ukoll Malta u ma kienx jiġi weekend li ma kienx ikolli nilgħab partita Malta u oħra Għawdex. Min jaf kemm qsamt bil-lanċa biex nilħaq minn partita għal oħra. Illum, il-futbol insegwih biss fuq it-televixin. It-tim favorit tiegħi hu *Tottenham Hotspurs* iżda nammira wkoll il-*Juventus*, il-*Floriana* u naturalment *Kerċem Ajax*. Esperjenza li ma ninsieha qatt kienet meta mort nara t-*Tottenham* jilagħbu f'White Hart Lane. Il-futbol illum sar wisq kummerċjali u m'għadux jintlagħab mill-qalb għax tassew tkun tħobb il-klabb li tkun tilgħab miegħu. Barra dan, f'Għawdex daħlu ħafna plejers barranin mat-timijiet lokali u waqt li dawn qegħdin jieħdu post plejers Għawdxin, qegħdin ikunu wkoll ta' piż finanzjarju qawwi fuq il-klabbs Għawdxin. Fuq kollox ħafna minnhom m'humiex ta' xi livell aħjar minn tal-plejers lokali. Itik id-daħk meta tara klubbs fi staġun fuq nett u l-istaġun ta' wara kemm kemm isalvaw. Trid issir xi ħaġa biex il-finanzi tal-klabbs jiġu regulati bis-serjetàgħax inkella l-futbol Għawdxi ma jistax jiġi 'l quddiem.

**X'ġiegħlek u/jew min ħajrek tidħol flimkien ma' oħrajn għall-avventura tat-twaqqif tal-Banda San Girgor?**

Fis-sena 1997 konna nkunu ċ-ċentru tal-knisja u qisu bla ħsieb ta' xejn ġerrejna l-kelma biex inwaqqfu banda fir-raħal. Għall-ewwel iktar qisu kienet b'ċajta imma mbagħad meta l-kelma bdiet tiġri, l-affari bdiet tisserja. Il-qatt minsi u maħbub Raymond Merċieċa, jien u xi erbgħa oħra, bla ma nsemmi ismijiet għax inħalli lil xi ħadd barra, iddeċidejna li nsejħu laqgħa għal dawk interessati u nimxu minn hemm. Sadanittant, Dun Lino, Dun Roberto u jien morna nkellmu lil Mark Gauci biex ngħidulu bil-ħsieb tagħna u nitolbuh jaċċetta li jkun l-ewwel surmast ta' din il-banda ġdida. Tlabnieh jistenna ftit għax ma kien għad hemm xejn konkriet u hu aċċetta bil-qalb kollha. Waslet il-laqgħa u kien hemm entużjażmu u attendenża inkoraġġanti. Ġie magħżul il-kumitat u dan mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol. Il-kappillan Mons Franġisk Debrincat offra s-sular ta' fuq taċ-ċentru għad-dispożiżżjoni tal-banda. Tħejja l-istatut u dan ġie approvat f'laqgħa ġenerali. Minnufih beda t-tagħlim tal-mużika u l-konkorrenza tal-istudenti kienet tilħaq kważi l-mija. Jien, bħala segretarju, kelli xogħol bla waqfien u nista' ngħidlek li wara x-xogħol normali tiegħi kont niddedika l-ħin kollu għall-bżonnijiet tal-banda. L-ewwel snin ma kinux faċli għax ridna nibdew mix-xejn iżda bl-għajnuna ta' kulħadd irnexxielna nkomplu mexjin 'il quddiem. Kienu jsiru ħafna attivitajiet ta' *fund raising* fosthom il-famużi *high teas* li kien ivvinta l-President Raymond Mercieca. Dawn għadhom sal-lum fuq fomm kulħadd. Biex ma ntawwalx, il-kumitat dejjem mexa pass pass u bil-għaqal u għalhekk l-Għaqda Mużikali San Girgor

kienet qabdet it-triq it-tajba u ma damitx ma stabiliet ruħha fost il-baned l-oħra Għawdxin. Issa niġi għall-mistoqsija proprja. Ħajjarni nidħol għal din il-biċċa xogħol veru ta' impenn kien l-imħabba proprju li nħoss għar-raħal. Barra dan, il-proġett rajtu li kien sejjer ikun utli immens għar-raħal kollu u iktar għaż-żgħażagħ tar-raħal għax kien sejjer joffrilhom opportunita biex jitgħallmu l-mużika, ikabbru l-kultura tagħhom, ikollhom fejn jinġabru f'post seren u wkoll mezz kif, jekk jieħdu l-istudju bis-serjetà, ikunu jistgħu wkoll jaqilgħu l-flus. Dan kien li ħajjarni nagħti ħini għall-banda u llum ninsab sodisfatt li dan l-iskop intlaħaq kollu.



**X'kienu l-isbaħ memorji tiegħek fiż-żmien li fih servejt fil-kumitat tal-banda?**

L-ewwel memorja sabiħa kienet fl-inawgurazzjoni tal-banda meta kienet saret quddiesa solenni fi Triq San Girgor u kien hemm ħafna nies distinti preżenti, fosthom il-President ta' Malta, E.T. Gwido Demarco. Memorja oħra li ma ninsa qatt kienet meta l-banda telgħet l-ewwel darba fuq il-palk waqt id-dħul tal-purċissjoni bl-istatwa tas-Sokkors. Għalkemm dakinhar il-banda daqqet l-Ave Marija biss għal iżjed minn darba, iżda s-sodisfazzjon li tara l-banda l-ewwel darba fil-pubbliku għalija kien kbir wisq. Niftakar jien kont fuq il-plaċier inżomm l-istandard u ħassejtni fis-seba' sema. Imbagħad kien hemm il-festa tas-sena ta' wara meta l-banda ħadet sehem fil-festa kollha. Kien hemm ukoll l-okkażjoni meta l-banda marret iddoqq l-Imqabba fil-festa ta' Santa Marija. Niftakar ukoll l-ferħ tiegħi kull meta konna mmorru ndoqqu f'xi raħal jew ir-Rabat. Dik li kont nisma' n-nies jgħidu x'banda għandhom Ta' Kerċem kienet tagħtini sodisfazzjon kbir. Taħbit kbir iżda li jġibu memorji sbieħ kienu dawk il-*high teas* kbar li konna nagħmlu. Dik li kont nara n-nies jiffullaw biex jattendu għalihom kienet timlieni b'kuraġġ u fl-istess ħin kburi li aħna l-kumitat kien ikollna l-ħila nattiraw daqshekk nies. Barra dan, baqagħli ħafna memorji sbieħ li għaddejt ma' sħabi tal-kumitat, billi konna nqattgħu ħafna ħin qrib ta' xulxin u hekk sirna ħbieb sewwa wieħed mal-ieħor. Kien hemm ħafna okkażjonijiet li ma qbilniex dwarhom iżda dak kien ikun sforz l-entużjażmu li kellna biex naraw il-banda timxi 'l quddiem. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull wieħed u waħda li ħdimt magħhom matul il-karriera tiegħi fil-kumitat tal-banda u nitlob skuża jekk xi darba bla ma ridt inqast lil xi ħadd minnhom.

**X'passatempi għandek barra l-logħba tal-futbol?**

Il-foutbol naħseb jibqa' l-ewwel passatemp, għalkemm illum insegwih biss fuq it-TV, bl-internet, radju, u fuq il-gazzetti. Inħobb ukoll naqra u ħdejn is-sodda dejjem b'xi ktieb biex qabel norqod naqra xi ħaġa. Inħobb naqra bl-Ingliż stejjer qosra jew bijografiji. Ma' dan il-passatemp għandi wkoll manija biex nagħmel it-tisliba bl-Ingliż. Fis-sajf inħobb ngħum u xi safra ma nitlifhiex. Inġemma' wkoll il-pinen (anki jekk ikunu spiċċaw) ta' ditti, postijiet ta' safar, sports, eċċ. Għandi kollezzjoni kbira tagħhom. Inħobb ukoll inħożż xi disinn, speċjalment fejn tidħol l-arkitettura.

**X'tixtieq tara fir-raħal tagħna? Għandek xi ħolma għal-lokalità tagħna li tixtieq taraha realizzata?**

L-aktar ħaġa li nixtieq nara fir-raħal tagħna hija aktar armonija sinċiera bejn l-għaqdiet tar-raħal. Mill-esperjenza li kelli u milli għadni nisma', din teżisti biss għall-konvenjenza. Din il-problema ġagħlet ċertu nies kapaċi u ta' stoffa biex jew qatgħu qalbhom u ma'baqgħux jagħtu l-għajnuna tagħhom waqt li oħrajn ma jitħajrux jidħlu f'xi kumitat xħin jaraw dan kollu. Jien wieħed minn dawk tal-ewwel. Illum, jien, li dan l-aħħar kont impenjat fuq proġett utli ħafna fejn tidħol il-Knisja Parrokkjali, tlaqt kollox fejn għandu x'jaqsam mar-raħal għax waħdek tħoss li dik hi l-aħjar triq li tista' tieħu f'ċirkustanżi bħal dawk. Għalhekk nappella biex flok ikeċċu n-nies mir-raħal, minn ikun f'xi pożizzjoni għolja jara li dan ma jkomplix isir għad-dannu tal-istess raħal Ta' Kerċem. Nixtieq ukoll aktar unuri għall-Ghaqda Mużikali San Girgor, lill-klabb ta' *Kerċem Ajax*, l-Għaqda tal-Armar u l-għaqdiet l-oħra kollha tar-raħal.

**Tixtieq twassal xi messaġġ lill-qarrejja ta' Leħen il-Banda San Girgor?**

Lill-qarrejja ta' din ir-rivista nappellalhom biex ikomplu jgħinu kif jistgħu lill-Għaqda Mużikali San Girgor għax din trid kontinwament min isostniha fl-ispejjeż kbar li jkollha. Ma ninsewx li ħafna mill-ispejjeż qegħdin jiġu investiti f'uliedna stess biex dawn ikunu jistgħu jitgħallmu l-mużika. Nappella wkoll biex nieħdu sehem f'kull attività li jagħmel il-kumitat, għax hekk barra li nkunu ngħinu finanzjarjament inkunu wkoll qegħdin nagħmlu kuraġġ lill-kumitat bil-preżenza tagħna. Nappella wkoll lill-aljievi biex ikomplu jistudjaw u wara li joħorġu jdoqqu jibqgħu jagħtu s-servizz tagħhom lill-banda għal żmien twil. Ma jinsew qatt kemm tkun ħarġet flus il-banda biex huma waslu fejn waslu. Lill-bandisti nħeġġiġhom biex minn qalbhom ikomplu jagħtu s-servizz tagħhom lill-banda biex hekk ikomplu jgħollu ġieħ il-banda u fuq kollox ġieħhom stess. Nawgura lis-surmast aktar suċċessi mal-Banda San Girgor u lill-kumitat aktar ħidma b'risq l-istess Għaqda. Nixtieq il-festa it-tajba lill-Kerċmin kollha.

.................